



Brussell, 12 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7420/19

RECH 165
COMPET 244
FIN 231
IND 83
MI 250
EDUC 153
TELECOM 122
ENER 162
ENV 283
REGIO 60
AGRI 132
TRANS 190
SAN 148

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Marzu 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6140/2/19 REV 2	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 28 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri " <i>Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaċilitaw il-ħajja tal-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib</i> " - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-12 ta' Marzu 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 28 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "*Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaċilitaw il-ħajja tal-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib*", adottati mill-Kunsill fit-3678 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Marzu 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-RAPPORT SPEĊJALI NRU 28 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI "IL-MAĠĠORANZA TAL-MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI INTEGRATI F'ORIZZONT 2020 IFFAĊILITAW IL-ĦAJJA TAL-BENEFIĊJARJI, IŻDA GĦAD HEMM LOK GĦAL TITJIB"

IL-KUNSILL:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 28/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaċilitaw il-ħajja tal-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib";
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JIRRIKONOXXI l-importanza tagħhom bil-ksieb tas-snin li fadal ta' Orizzont 2020 u speċjalment bil-ksieb tal-Programm Qafas ġdid propost għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-2021-2027, "Orizzont Ewropa"¹;
3. JAGĦRAF, filwaqt li jirrikonoxxi l-valur ta' regoli stabbli u ċari għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet Ewropej ta' riċerka u innovazzjoni, li l-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti naqqsu l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u li l-maġġoranza tal-azzjonijiet kienu effettivi, b'mod partikolari l-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni (CSC) u l-ġestjoni elettronika tal-ġhotjiet;
4. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni Ewropea, abbażi tat-tagħlimiet meħuda minn programmi qafas preċedenti, inkluż Orizzont 2020, biex ittejjeb il-mekkaniżmi tagħha għal aktar simplifikazzjoni ta' regoli fi programmi ta' qafas futuri: proċess ta' evalwazzjoni f'żewġ stadji, allinjament ta' regolamenti finanzjarji bejn programmi ta' finanzjament differenti tal-UE, komunikazzjoni simplifikata mal-applikanti filwaqt li jissaħħaħ ir-rwol tal-NCPs, inqas żmien għall-ġhotja, opzjonijiet ta' spejjeż bħas-somom f'daqqa, inkluż spejjeż tal-persunal, u biex teżamina bir-reqqa l-kwalità ta' awditjar ex-post esternalizzat;

¹ 9865/18 + ADD 1-6 u 9870/18 ADD 1-5 + ADD 6 COR1

5. JISSOTTOLINJA li proċess ta' komunikazzjoni globali aħjar li jinvolvi gwida mtejba u rispons dirett komprensiv lill-applikanti u lill-benefiċjarji, inkluż rapporti ta' sinteżi ta' kwalità għolja, matul il-proċess sħiħ ta' applikazzjoni, evalwazzjoni u deċiżjoni ta' għoti għandu l-potenzjal li jtejjeb il-kwalità tal-proposti, is-segwitu tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Istati Membri u implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-proġetti mill-benefiċjarji; JILQA' għalhekk, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkomunika aħjar mal-applikanti u l-benefiċjarji, b'mod partikolari billi ttejjeb is-Servizz ta' Konsultazzjoni dwar ir-Riċerka, u tkompli ssaħħaħ l-introduzzjoni ta' għodod u gwida simplifikati, b'mod partikolari għall-SMEs u negozji ġodda, prinċipalment permezz ta' servizzi ta' interfaċċi avvanzati online; JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) biex jinfurmaw u jagħtu pariri lill-applikanti u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex ittejjeb aktar il-gwida metodoloġika u teknika għal dawn il-korpi konsultattivi, bil-ħsieb tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom.
6. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tallinja aħjar l-oqfsa legali u r-regoli tal-parteċipazzjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-UE bil-ħsieb li ttejjeb is-sinerġiji u tnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċċju tal-benefiċjarji;
7. JINNOTA li r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020 jippermettu kemm proċessi ta' evalwazzjoni fi stadju wieħed kif ukoll f'żewġ stadji; JIRRIKONOXXI li l-approċċ ta' evalwazzjoni f'żewġ stadji jista' jgħin lill-applikanti biex jevitaw li jqattgħu ħin bla bżonn jiżviluppaw id-dettall fi proġetti li finalment ma jirnexxux, u li dan għandu l-potenzjal li jnaqqas il-piż amministrattiv għal applikanti li ma jirnexxux; Għaldaqstant, JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tqis l-użu usa' ta' evalwazzjoni f'żewġ stadji ta' proposti fejn u jekk xieraq u biex timmonitorja u tivvaluta l-effettività u l-impatt ta' din il-miżura;
8. IQIS li opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati, pereżempju bħas-somom f'daqqa u l-premijijiet ta' inċentiv, jistgħu jnaqqsu aktar il-piżijiet amministrattivi għall-benefiċjarji u JAPPREZZA li l-Kummissjoni għandha tintensifika l-ittestjar ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati, b'mod partikolari somom f'daqqa, billi tibni, fejn xieraq, fuq l-evidenza mill-pilota Orizzont 2020; Għaldaqstant, JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tesplora aktar l-użu tal-prattiki kontabilistiċi tal-ispejjeż tas-soltu għall-ispejjeż tal-persunal;

9. JENFASIZZA li l-evalwazzjoni tal-proposti ppreżentati skont il-programmi qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni għandha tibqa' ta' kwalità għolja u JINNOTA li spiss ma kienx hemm biżżejjed żmien għall-evalwazzjonijiet;; Għalhekk JAPPELLA lill-Kummissjoni biex terġa' tivvaluta ż-żmien meħtieġ biex l-esperti jwettqu evalwazzjonijiet affidabbli tal-proposti għal proġetti;
10. JINNOTA li r-rata ta' rimunerazzjoni ta' kuljum tal-evalwaturi baqgħet mhux riveduta għal aktar minn għaxar snin. Għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta aktar il-ħtieġa li jiġu riveduti l-kundizzjonijiet tar-rimunerazzjoni għall-evalwaturi esperti.
11. FILWAQT LI JINNOTA li l-kampanja ta' informazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' "Siġill ta' Eċċellenza" mnedija fl-2015 qajmet kuxjenza, iżda li għadha mhijiex rikonoxxuta bis-sħiħ, JIRRIKONOXXI l-proposti ta' Orizzont Ewropa tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jżidu r-rikonoxximent tas-"Siġill ta' Eċċellenza" sabiex jiġu promossi proposti eċċellenti evalwati 'l fuq mil-limitu iżda mhux iffinanzjati skont il-Programm Qafas; u filwaqt li JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2017², b'mod partikolari l-paragrafi 8 u 23 tagħhom, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tesplora modi oħra biex iżżid il-probabbiltà li l-proġetti mogħtija skont is-Siġill ta' Eċċellenza jkunu jistgħu jaċċessaw aktar faċilment sorsi oħra ta' finanzjament;
12. JILQA' l-fatt li l-proposti ta' Orizzont Ewropa tal-Kummissjoni fihom pjanijiet biex inaqqsu l-kumplexsità tal-programm qafas li jmiss, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar sinerġiji u kumplimentaritajiet ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-UE, punt uniku ta' servizz għall-innovazzjoni permezz tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, approċċ għdid biex jiġi razzjonalizzat ix-xenarju tas-sħubiji Ewropew għar-R&I, titjib fil-proċess ta' evalwazzjoni billi jingħata rispons aħjar lill-applikanti fl-istadji kollha tal-proċess u għan li jitnaqqas saħansitra aktar il-piż amministrattiv għall-applikanti b'sistema ta' kontroll li tiżgura bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll.

² 15320/17 il-paragrafi 8 u 23 jirreferu għall-"għajnuna mill-Istat".